



# Santa Marija u l-Inħawi

**Kitba tal-Perit Ruben Abela**

Misraħ Santa Marija jinstab fil-bidu ta' dak li ħafna jsibuh illum bħala r-Raħal ta' Fuq. Żmien ilu dawn l-inħawi kienu magħrufa bħala Ħal Bizbut, wieħed mit-tlett irħula zgħar li kienu jiffurmaw iż-Żejtun li nafu llum. Ħal Ġwann kien imiss ma' Ħal Bizbut, u kien eżatt fl-inħawi magħrufa aktar bħala Ta' Tavlin. Ismijiet qodma u sbieħ, iżda li fuq it-tifsira tagħhom jeżistu diversi argumenti. Dwar Ħal Ġwann jidher li hemm qbil li dan issemma għal xi ħadd li kien jismu Ġanni. Dwar Ħal Bizbut, hemm min jghid li dan ifisser qasab, ghaliex fl-inhawi kien hemm ħafna qasab. Iżda l-Professur Godfrey Wettinger huwa tal-fehma li dan ir-raħal huwa msemmi għal wieħed li kienu laqqmuh Bizbud (jiġifieri *abu + zbud* mill-kelma *zibda* li huwa prodott tal-ħalib nofs triq bħal bejn butir u rkotta) Prof Godfrey Wettinger, "Iż-Żejtun Qabel l-Ordni" f'*Iż-Żejtun fiż-Żminijiet tan-Nofs.* (Kunsill Lokali Żejtun 2002) p.9.. Tavlin huwa kunjom li nstab f'dokumenti taż-żminijiet tan-nofs.

Jekk immorru madwar tliet mitt sena lura fiż-żmien, wieħed isib li bejn in-nies ta' Ħal Bisbut u dawk ta' Ħal Bisqallin (ir-RaHal t'Isfel), kienet teżisti ċerta pika, hekk li meta ttieħdet id-deċizjoni biex tinbena l-knisja parrokkjali ġdida, iż-żewġ komunitajiet riedu li tinbena fl-inħawi tagħhom. L-istoriku G.A. Ciantar kiteb li fl-1663, in-nies ta' Ħal Bisbut u Ħal Gwann fettlilhom li jagħmlu parroċċa ġdida u jinfirdu minn dik ta' Santa Katarina EB Vella, *L-Istorja taż-Żejtun u Marsaxlokk*, Malta 1927. p.21.. Għalkemm minn dan ma sar xejn, wieħed tajjeb isemmi li n-nies ta' dawn l-inħawi bnew knisja ġdida, flok waħda aktar qadima, u t-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tagħha sar fl-istess ġurnata meta tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-knisja parrokkjali li għandna llum. Fil-25 ta' Novembru 1692, bdiet tinbena l-knisja ta' Santa Marija li nafu llum. Il-knisja hija żgħira u sempliċi fl-istil iżda għal qalb ħafna tan-nies li jgħixu fl-inħawi. Tajjeb wieħed isemmi, li fuq il-bejt ta' din il-knisja hemm arloġġ tax-xemx li jidher sewwa minn Triq Santa Marija. Knisja oħra li hemm ftit 'il bogħod minn din, iżda aktar moderna, hija dik tal-Madonna tal-Qalb Imqaddsa, jew kif inhi aktar magħrufa bħala Tas-Sinjura. Din il-knisja nbniet minn Nobbli Sinjurina Margherita dei Conti Manduca, u ġiet imbierka fil-31 ta' Mejju 1881. Is-Sinjurina Margherita tinsab midfuna fl-istess knisja. EB Vella. p.114.

Knisja ferm eqdem minn dawn it-tnejn, iżda li m'għadhiex teżisti, taħt t-titular ta' San Ġwann issemmiet fil-vista pastorali ta' Monsinjur Dusina fl-1575. Biblioteka Nazzjonali, MS Nru 139, folja 45. Din il-knisja f'Ħal Ġwann jidher li kienet kważi diġà abbandunata għaliex skond Dusina, din l-anqas bieb ma kellha. MS Nru 139, folja 48. Din aktarx kienet il-knisja ta' Ħal Ġwann li l-lok preċiż tagħha jidher li ntilef ukoll.

Barra minn dawn iż-żewg knejjes, f'dawn l-inħawi hemm diversi affarjiet oħrajn ta' valur storiku. Min jaf? Forsi anke mad-dar tiegħek hemm xi ħaġa li qatt ma tajt każ u llum tinduna biha! Nibdew minn Triq San Pawl, qabel ma tidħol f'Misrah Santa Marija, hemm Torri, magħruf bħala Torri Vendome. Maż-żmien dan it-torri ġie mibdul f'residenza. Dan huwa wieħed mill-ftit torrijiet li jinsabu ġo l-inħawi residenzjali u mhux fil-kampanja. Kantuniera bejn Misraħ Santa Marija u Triq Santa Marija, qrib bieb Nru. 1, hemm żewġt itwieqi żgħar. Waħda qisha kaxxa żgħira ta' l-injam, b'bieba persjana, u l-oħra bi gradilja tal-ħadid maħruġa 'l barra (illum magħrufa aktar bħala *pregnant window*).

Dawn iż-żewġ twieqi huma stili differenti ta' dik magħrufa bħala 'maxrafija'. Ta' l-ewwel hija stil eqdem minn ta' l-aħħar. Il-maxrafija hija tip ta' tieqa ta' oriġini Għarbija, li kienet isservi biex min joqgħod fid-dar ikun jista' jixref mit-tieqa u jara min hemm wara l-bieb minghajr ma jintebah dak li qiegħed iħabbat. Dik ta' l-injam hija l-unika waħda li



Skudett b'arma ta' wieħed mill-Gran Mastri li qiegħed ma' binja fil-bidu ta' Triq il-Madonna tal-Ħniena kantuniera ma' Misraħ Santa Marija.

fadal f'dawn l-inħawi, għaliex tieqa simili u ferm aktar qadima fi Triq San Duminku tħalliet titkisser. Fortunatament bħal dik tal-ħadid, għalkemm mhux f'numru kbir, fadal ftit aktar f'dawn l-inħawi, specjalment fi Triq San Ġwann. Waħda minn dawn qiegħda fuq il-ħanut ta' Tony, oħra fi Sqaq San Ġwann, Nru. 6 u oħra wara l-forn taz-Zjoga. Biċċa xogħol oħra fil-ħadid, iżda li ma għandhiex x'taqsam ma' dawn it-twieqi, huwa parti minn fanal tal-pitrolju li kien idawwal id-daħla ta' Sqaq San Ġwann, Nru. 5, illum Sqaq Tavlin, Nru 5.


Fil-bidu ta' Triq San Ġwann, eżatt kif titlaq Triq Vendome, hemm bini ta' stil uniku li jintuża bħala forn

F'dawn l-inħawi jeżistu diversi djar storiċi u b'arkitettura sabiħa. Fost dawn wieħed ta' min isemmi, dar Nru. 7 f'Misraħ Santa Marija, li fuq il-bieb prinċipali għandha minquxa xbiha tar-Redentur u l-annu 17 (l-aħħar żewġ numri ġew imħassra). Dar oħra kbira u sabiħa hija dik li qiegħda ħdejn il-Knisja tas-Sinjura, Nru. 216. Il-gallerija ta' din id-dar u l-entratura prinċipali jixhdu l-importanza tagħha. Dar oħra ta' mportanza storika iżda li ftit jafu biha, hija Nru. 8, Triq San Ġwann. Jingħad li din id-dar kien iżomm il-falkuni fiha l-Falkunier tal-Ordni. Dawn il-falkuni kienu wara jintelqu għall-kaċċa. Fil-bidu ta' Triq San Ġwann, eżatt kif titlaq Triq Vendome, hemm bini ta' stil uniku li jintuża bħala forn. Dar oħra importanti, iżda li llum qed tintuza bħala razzett, hija dik li tinstab fit-tarf ta' Sqaq San Ġwann (illum Tavlin) Nru. 4. L-anzjani ta' l-inħawi għadhom jiftakru arkata kbira b'rixtellu. Fuq din l-arkata kien hemm kitba li kienet tghid li din il-villa nbniet min-nobbli familja Bonici, biex fiha jsibu l-mistrieħ tal-kampanja. Fuq iż-żewġ bibien faċċata ta' xulxin, wieħed ta' dak li kien ġnien u l-ieħor tad-dar, fortunatament għad fadal l-arma tal-familja Bonici.

Irqaqat oħrajn ta' min wieħed isemmi jinkludu fost oħrajn skudett b'arma ta' wieħed mill-Gran Mastri li qiegħda ma' bini fil-bidu ta' Triq il-Madonna tal-Ħniena kantuniera ma' Misraħ Santa Marija. Sfortunatament minn fuq din l-arma ntilfet l-emblema tal-Gran Mastru, b'hekk wieħed ma jistax jgħid ta' liema Gran Mastru kienet. Li huwa żgur hu li din l-arma kienet tifforma parti minn xi bini eqdem minn dak li hemm illum. Ftit aktar 'il fuq, fl-istess triq, fuq tieqa ma' dar Nru. 30, hemm kurċifiss minqux u fuq kull naħa hemm xbieha ta' l-erwieħ. Fil-misraħ matul Triq San Ġwann, fuq tieqa tat-tieni sular tad-dar Nru. 20, hemm rużun tal-gebel (*roundel*) minqux mal-faċċata. Fuq ir-remissa, bejn din id-dar u l-ħanut ta' Tony, hemm diversi slaleb ta' Sant' Andrija minquxin fil-ġebel. Dawn il-marki kienu mezz kif il-bennejja kienu jikkalkulaw il-ħlas ta' xogħolhom. Xi ħaġa li huma rari ħafna f'bini domestiku. L-annu 1811, minqux f'dik li kienet loġġja fit-tieni sular ta' dar fi Triq San Ġwann, wara l-forn li semmejna aktar 'il fuq, huwa l-aħħar punt ta' interess li xtaqt niġbed l-attenzjoni tagħkom fuqu.

Żgur li barra dawn il-postijiet, bini u rqaqat li semmejna tafu b'diversi oħrajn li hemm ġewwa djarkom. Għalkemm huwa mportanti li dawn ikunu magħrufa, huwa aktar importanti li għand min qegħdin jagħraf japprezzahom u jibża' għalihom. Il-Wirt Storiku li għandek fil-pussess tiegħek inti fid-dmir li tgħaddih lil uliedek u ulied uliedek, hekk kif missirijietek għaddewh lilek.

**Perit Ruben Abela**


Dar Nru. 7 f'Misraħ Santa Marija, li fuq il-bieb prinċipali għandha minquxa xbiha tar-Redentur u l-annu 17__ (l-aħħar żewġ numri mħassra)